27 ta' Ġunju, 1946.

Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Paolo Diacono et. *versus* Dottor Giovanni Scicluna, LL.D., ne.

**Paternità — Azzjoni ta' Reklam ta' Stat ta' Iben Leġittimu — Leġittimazzjoni "Per Subsequens Matrimonium" — Prova — Reġistri Parrokkjali — Art. 93, 117, 118, 100 u 325 tal-Kodiċi Ċivili.**

*L-azzjoni ta' reklam ta' stat ta' iben leġittimu ma tistax tiġi esperita mill-werrieta jew dixxendenti ta' dak l-iben ħlief fil-każ li dak l-iben ikun miet meta kien għadu taħt l-età, jew fi żmien ħames snin wara li jkun sar ta' l-età; u l-werrieta jew dixxendenti jistgħu jkomplu din l-azzjoni jekk it-tifel ikun bdiha u miet waqt li kienet għadha pendenti.*

*It-tifel li jiġi leġittimat biż-żwieġ sussegwenti ta' missieru u ommu, ma għandux bżonn jirreklama l-istat ta' iben leġittimu; għax dik il-leġittimazzjoni taċċera ruħha "ipso jure" u b'effett retroattiv għall-jum tal-konċepiment.*

*Il-leġittimazzjoni ta' tifel illeġittimu għandha titniżżel fir-Reġistru Publiku b'annotazzjoni fil-marġini.*

*Għalkemm ir-Reġistri Parrokkjali ġew preskritti f'dawn il-Gżejjer għal skop ekkleżjastiku, b'daqa kollu l-Poter Ċivili u l-Qrati tal-Ġus-*

*tizzja dejjem ikkunsidrawhom ammissibili biex jagħmlu prova legali tal-kontenut tagħhom, sa prova kuntrarja.*

*Biex tista' ssir il-leġittimazzjoni "per subsequens" hemm bżonn illi fil-waqt tal-konċepiment il-missier u l-omm ikunu liberi; u ma ssirx ħlief meta t-tifel ikun ġie magħruf mill-missier u l-omm b'dikjarazzjoni fl-att taż-żwieġ jew xorta oħra, inkella meta l-ġenituri jkunu ġew dikjarati b'sentenza tal-Qorti bħala missier u omm it-tifel.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-atturi talbu li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji, partikolarment dawk li jikkonstataw il-paternità u l-maternità ta' l-infraskritt Salvatore, missier l-atturi, kif jidher mill-fidi parrokkjali tat-twelid (dok. A) u mid dokumenti l-oħra annessi (dok. B. C. D. E.), ċjoè li missier u omm l-istess Salvatore huma Ferdinando Diacono u Filomena mwielda Vella; u li fiż-żmien tal-konċepiment ta' l-istess Salvatore dawn kienu liberi u għalhekk kapaċi jiżżewġu; jiġi minn dina l-Qorti ordnat li tiġi magħmula l-annotazzjoni marġinali opportuna fl-att tat-twelid ta' l-imsemmi Salvatore, reġistrat fir-Reġistru Publiku fin-numru 3830 riċevut fit-28 ta' Novembru 1865 (dok. X), fejn dan jidher bħala tifel ta' missier mhux magħruf, għall-effett li jiġi hemm imniżżel li bis sentenza li tagħti din il-Qorti ġie dikjarat li jikkonsta li missier l-imsemmi Salvatore huwa Ferdinando Diacono, mingħajr okkupazzjoni, ta' 50 sena, imwieled u joqgħod iż-Żejtun, bin il-mejjet Salvatore u ommu l-imsemmija Filomena Vella, u li għalhekk l-istess Salvatore huwa leġittimat biż-żwieġ sussegwenti kontrattat bejn l-imsemmija ġenituri tiegħu reġistrat fir-Reġistru Publiku fin-numru 340 tas-sena 1866 (dok. Y). Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, li jibqgħu mħarrkin biex jidhru għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta Paolina Axiaq nomine, li biha eċċepiet illi, għalkemm id-domanda hija biss biex tiġi magħmula annotazzjoni marġinali fl-att tat-twelid tal-mejjet Salvatore Diacono..........., fil-fatt però l-azzjoni hija dik kontemplata fil-Kodiċi Ċivili, Kap. 23, art. 95-98, ċjoè azzjoni tat-tifel sabiex jitlob l-istat ta' iben leġittimu; illi skond il-liġi din l-azzjoni ma tistax tinġieb 'il quddiem mill-werrieta jew mid-dixxendenti tiegħu, ċjoè tat-tifel, ħlief fil-każ illi huwa jkun miet meta kien taħt l-età, jew fil-ħames snin wara li jkun sar ta l-età. u l-azzjoni tista' titkompla biss mill-werrieta jew

dixxendenti jekk tkun inbdiet minnu qabel ma miet. Żiedet teċċepixxi l-istess konvenuta nomine illi mid-dokumenti eżibiti mill-attur proprio et nomine jidher ċar li dan mhux il-każ fil-kawża odjerna, u li għaldaqshekk it-talba ta' l-atturi għandha tiġi miċħuda, peress li din it-talba hija espressament projbita mil-liġi. Salv id-dritt ta' eċċezzjonijiet oħra;

*Omissis*;

Ikkunsidrat;

Illi ma hemmx dubju illi jekk l-azzjoni esperita mill-atturi, bħala dixxendenti ta' Salvatore Diacono, hi l-azzjoni ta' reklam ta' l-istat ta' iben leġittimu, allura, peress li dan Salvatore Diacono ma mietx meta kien għadu minuri, u lanqas fi żmien ħames snin wara li sar maġġuri (dok. fol. 8), u peress li hu stess ma bediex l-azzjoni u mbagħad miet fil-pendenza tagħha, għall-azzjoni kien ikun hemm l-ostakolu li jiġi mid-dispożizzjoni ta' l-art. 98 Kodiċi Ċivili, Kap. 23, bażata fuq dak li fis-sentenza tal-Qorti ta' -Appell in re "Calleja vs. Saguna", 10 ta' Marzu 1922, jissejjaħ "la personalità esclusiva delle azioni che si riferiscono allo stato di figlio legittimo" (Vol. XXV—I—72);

Illi meta weħed, però, jeżamina sewwa s-sustanza ta' din l-azzjoni, għandu jiġi għall-konklużjoni illi t-talba hi verament għal dikjarazzjoni ġudizzjarja illi kien hemm, rigward l-imsemmi Salvatore Diacono, il-leġittimazzjoni "per subsequens matrimoniun". L-atturi infatti jridu konstatazzjoni "ope judicis" ta' stat ta' fatt ġà eżistenti, jiġifieri l-leġittimazzjoni "per subsequens matrimonium" ta' l-imsemmi Salvatore Diacono;

Illi jekk hu hekk, kif inhu, allura dak l-ostakolu ma hemmx aktar, għaliex it-tifel li jkun leġittimat biż-żwieġ sussegwenti ta' missieru u ommu, ma għandux bżonn jirreklama l-istat ta' iben leġittimu. Infatti, tant skond id-Dritt Kanoniku kemm skond id-Dritt Ċivili, din ix-xorta ta' leġittimazzjoni għandha effett retroattiv għall-jum tal-konċepiment ("Matrimonium subsequtum retrotrahitur ad originem conceptionis"— Lex 6, Cod. de natural. liber.). Kif ġie osservat fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-5 ta' Jannar 1881, "D'Amico vs. Laferla", "per subsequens habentur tamquam filii nati et procreati de legittimo matrimonio". Iż-żwieġ stess, kif jgħallmuna ż-żewġ sentenzi, anki ta' din il-Qorti, "Messina vs. Gravagna" 21 ta'

Ottubru 1871, u "Laferla vs. Camilleri" 21 ta' April 1894, jil-leġittima t-tifel "ipso jure";

Illi għalhekk, jekk din il-Qorti ssib illi verament kien hemm iż-żwieġ sussegwenti ta' missier u omm Salvatore Diacono, u dawn kienu, meta ġie konċepit l-istess Salvatore Diacono, "solutus et soluta", b'mod li hu ma twelidx "ex damnato coitu", allura l-azzjoni tkun eżerċitata sewwa, għaliex appuntu, skond l-art. 325 Kodiċi Ċivili, il-leġittimazzjoni ta' tifel illeġittimu għandha titniżżel fir-Reġistru b'annotazzjoni fil-ġenb—dak preċiżament li qegħdin jitolbu li jsir l-atturi;

Ikkunsidrat;

Illi qabel ma l-Qort teżamina jekk kienx hemm, bħala fatt, din ix-xorta ta' leġittimazzjoni ta' l-imsemmi Salvatore Diacono, u peress li l-atturi qegħdin jibbażaw l-istanza tagħhom prinċipalment, jekk mhux unikament, fuq il-fidijiet parrokkjali, hu indispensabili illi wieħed jara x'inhu l-valur probatorju ta' dawn il-fidijiet;

Illi, kif inhu magħruf, ir-reġistri parrokkjali ġew preskritti f'din il-Giżra mis-Sacro Sinodo Diocesano ta' l-1703, meta d-Djoċesi kienet taħt l-Isqof Cocco Palmieri, u dan konformement għad-dispożizzjonijiet tas-Sacro Conclio Tridentino; issa, għalkemm dawn ir-reġistri ġew preskritti mill-Knisja għal skop ekklesjastiku, jiġifieri biex jikkonstataw il-konferiment tas-Sagrament tal-Magħmudija ,iċ-ċelebrazzjoni taż-Żwieġ "in faciem Ecclesiae", u s-sepoltura ekkleżjastika (ara Kardinal De Luca, De Judiciis, disc. 30 numru 7, 8 u 9), b'dan kollu l-Poter Ċivili u l-Qrati tal-Ġustizzja ta' dawn il-Geżjjer dejjem ikkunsidrawhom ammissibili biex jagħmlu prova legali tal-kontenut tagħhom, sa prova kuntrarja ("Manduca vs. Ciantar", 2 ta' Jannar 1880, Prim'Awla);

Illi minbarra dan, l-istess leġislatur Sir Adrian Dingli, fl-annotazzjonijiet tiegħu dwar l-artikoli li bihom ġew preskritti l-attijiet ta' l-Istat Ċivili, kien qal espressament hekk :— "Non si toglie ai registri parrocchiali la fede che hanno avuto finora. I registri proposti sono un'aggiunta, non una sostituzione". Għandu wkoll jiżdied illi l-istess liġi, fl-art. 91, Kap. 23, wara li qalet illi l-filjazzjoni ta' wlied leġittimi tiġi ppruvata bl-att tat-twelid imniżżel fir-Reġistru Publiku, kompliet tgħid illi tista' tkun pruvata wkoll "bir-reġisri tal-parroċċa";

Ikkunsidrat;

Illi, definit dan il-pont tal-valur probatorju tal-fidijiet tal-parroċċa, il-Qorti tista' tgħaddi biex tara jekk kienx hemm il-leġittimazzjoni "per subsequens matrimonium" ta' l-imsemmi Salvatore Diacono;

Illi l-Kodiċi Ċivili jsemmi din ix-xorta ta' leġittimazzjoni fl-art. 117; u fl-art. 129 jeżiġi illi fil-waqt tal-konċepiment il-missier u l-omm ikunu liberi. Fl-art. 118 imbagħad jingħad illi din ix-xorta ta' leġittimazzjoni ma ssirx ħlief meta t-tifel ikun ġie magħruf mill-missier u l-omm b'dikjarazzjoni fl-att taż-żwieġ, jew xort'oħra, kif hemm imsemmi fl-ewwel subartikolu ta' l-artikolu 100, inkella meta l-ġenituri jkunu ġew dikjarati b'sentenza tal-Qorti bħala missier u omm it-tifel. L-artikolu 100 issa msemmi jirriferixxi għar-rikonoxximent tat-tifel fl-att tat-twelid jew f'att ieħor publiku;

Ikkunsidrat;

Illi anki jekk wieħed seta' forsi jiddubita jekk hijiex suffiċjenti bħala rikonoxximent tat-tarbija, kif irid l-art. 118, il-fidi tal-magħmudija ta' Salvatore Diacono fol. 5, li fiha dan Salvatore hu mniżżel bħala iben Ferdinando u Filomena Vella, konkubinati, għaliex forsi dak l-att seta' jinkorpora dikjarazzjoni unilaterali ta' l-omm, dan id-dubju ma jistax jeżisti għar-rigward tal-fidi taż-żwieġ ta' l-istess Ferdinando Diacono u Filomena Vella (fol. 13), li fiha, wara riferenza għall-Vol. XIX fol. 189, mnejn ġiet estratta l-fidi tal-magħmudija fol. 5, hemm dikjarat illi "Salvatore Diacono praedictorum parentum natus die 22a Nov. 1865 legitimatus fuit per supradictum matrimonium"—dikjarazzjoni li wieħed ma jistax raġjonevolment jiddubita li kienet traskrizzjoni tad-dikjarazzjoni verbali li għamlu formalment il-ġenituri jekk mhux qabel, fil-fidi tat-twelid, ċertament wara, fil-fidi taż-żwieġ;

Illi ma hemmx lok lanqas li wieħed jiddubita illi tant Ferdinando Diacono kemm Filomena Vella kienu "solutus et soluta" meta kien konċepit l-imsemmi Salvatore Diacono, mhux biss għaliex kieku dan twieled "ex damnato coitu" il-Kappillan ma kienx ċertament iniżżel il-leġittimazzjoni "per subsequens matrimonium", imma anki għaliex fl-ebda wieħed mill-attijiet li jirrigwardaw lil dawn il-ġenituri ma jingħad, kif kien

u soltu jingħad, illi hu kien, jew kien qabel, marbut bi żwieġ ma' ħadd ieħor;

Illi għalhekk jirriżulta, bħala fatt, illi l-ġenituri ta' Salvatore Diacono kienu, skond dikjarazzjoni tagħhom reġistrata almenu fil-fidi taż-żwieġ tagħhom, meta ġie konċepit Salvatore Diacono, liberi; u illi wara żżewġu u b'hekk iż-żwieġ tagħhom ġieb il-leġittimazzjoni "ipso jure" ta' l-awtur ta' l-atturi;

Illi għalhekk hemm lok għall-annotazzjoni msemmija fl-artikolu 325 Kodiċi Ċivili;

Illi hu ċar, mix-xorta ta' l-istanza, illi l-konvenuti ma għandhomx isofru spejjeż, ġaladarba l-kontestazzjoni tagħhom anki jekk mhux sostnuta, kienet raġunata u meħtieġa għall-istudju tal-każ;

Għal dawn il-motivi;

Din il-Qorti tiddeċidi;

Billi tordna illi fl-att tat-twelid ta' Salvatore Diacono sive Saviour Diacono, numru 8841, Series "A", Iskrizzjoni no. 3830, irċevut fit-28 ta' Novembru 1865, li kopja tiegħu tinsab fol. 11 ta' l-inkartament, titniżżel annotazzjoni fis-sens illi l-istess Salvatore sive Saviour Diacono ġie leġittimat biż-żwieġ sussegwenti tal-ġenituri tiegħu Ferdinando Diacono u Filomena Vella, li sar skond l-att li kopja tiegħu hemm fol. 12, u l-fidi fol. 13, fit-30 ta' April 1866;

L-ispejjeż jitħallsu mill-atturi.